MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 148/2007

Il-Pulizija
(Spt. S. Micallef)

Vs
Oliver Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fil-5 ta' Dicembru, 2006, ghall-habta tas-6.30 a.m., fi Triq l-Imdina, Zebbug, waqt li kien qed isuq mutur nru. FBS-849 :
1. minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta taht din il-kategorija ghall-imsemmi mutur;
2. b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Marzu, 2007 li biha, wara li rat l-artikoli 3 (1)(2)(2A) tal-Kapitolu 104, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet lilu adebiti (Sic!) w ikkundannatu multa ta’ elf lira Maltin (LM1,000) u skwalifikatu milli jkollu w jikseb licenzja ghal perjodu ta’ sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta’ htija fil-konfront ta’ l-ewwel akkuza, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza dedotta kontrih, jew alternattivament, f’kaz ta’ konferma tas-sejbien ta’ htija fiz-zewg akkuzi, tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi thassar l-iskwalifika tal-licenzja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament erroneu w zbaljat tal-fatti u tal-provi b' mod generali . Ghalkemm hu veru li l-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan ghal-mutur li kien qed isuq, hu kien hallas l-assikurazzjoni . Imkien ma rrizulta li l-kumpanija ta' assikurazzjoni Gasan Mamo kienet infurmat lill-appellant ufficjalment u formalment li huwa ma kienx kopert. Ma giex pruvat sal-grad tac-certezza morali li l-appellant kien jaf u kien konxju mill-fatt li huwa ma kienx kopert . 2. Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin u enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. Qari akkurat ta' l-artikolu 3 (1B) tal-Kap.104 abbinat ma qari tad-dokument minn esebit animo ritirandi quddiem l-Ewwel Qorti juri li ma rrizultax li hu seta' kien jaf li hu ma kienx kopert bil-polza tal-asskurazzjoni valida. Dan id-dokument hu polza ta' assikurazzjoni f' isem l-appellant ghal mutur numru FBS-849 . Hu ccita s-sentenza fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi"** [3.11.2005] in sostenn tat-tezi tieghu. Hu evidenti minn qari ta' l-artikolu 10(1) tal-Kap.104 li una volta li jkun hemm polza ta' asskurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni li jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-asskurazzjoni, anki meta l-

assikuratur ikollu dritt ihassar jew jannulla l-polza ghaliex per ezempju d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) jew (3) tal-artikolu 10 tal-Kap.104. u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi kif tipprovdi l-ligi fl-artikolu fuq citat. 3. Bla pregudizzju l-piena ta' skwalifika ghall-periodu ta' sena inflitta kienet u hija eccessiva w ghandha tigi imhassara. L-appellant hu membru tal-Forzi Armati ta' Malta li juza l-vettura waqt il-qadi ta' dmirijietu w martu ghandha tlitt xhur tqala w ghalhekk il-licenzja hija indispensabbli ghalih. L-iskwalifika hija diskrezzjonali skond l-art. 3 (2A). Inoltre l-appellant gja hallas ta' eghmilu meta wegga fl-incident in ezami li ta lok ghal dan il-kaz. Dan kollu ghandu jinduci lil din il-Qorti sabiex ma tordnax l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Semghet ix-xiehda mill-gdid fl-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Il-provi f' din il-kawza jistghu jigu riassunti kif gej :-

Mill-Affidavit ta' **PS 1133 JOSEPH BORG** (fol.7) jirrizulta li fil-5 ta' Dicembru, 2006, ghall-habta tas-6.30 am. Kien gie infurmat li kien sehh incident tat-traffiku fi Triq l-Imdina , Haz-Zebbug . Meta hu mar fuq il-post irrizultali li vettura bin-numru LCJ 195 misjuqa minn Ludvig Dimech giet biex iddur lejn il-lemin lejn LK Ltd u din habtet ma mutur li kien gej mid-direzzjoni opposta min-naha tar-Rabat u li kien misjuq mill-appellant. L-appellant wegga u ttiehed l-isptar isofri minn feriti gravi . L-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan .

**CHRISTOPHER DARMANIN** li xehed bhala ufficjal tal-Awtorita' Dwar it-Trasport, qal li l-mutur numru FBS 849 Yamaha iswed, kien gie transferred minn certu Michael Zahra fuq Oliver Camilleri fis-7 ta' Dicembru, 2006. L-appellant ghandu licenzja B imma ghandu bzonn tal-licenza A biex isuq mutur li ma kellux. Il-licenzja tal-mutur kienet thallset fit-13 ta' Lulju, 2006 u l-licenzja ghadha imhallsa sa meta taghlaq . Biex isir it-transfer, min jakkwista ikun irid igib insurance gdida li tghajjat lilu.

**PAUL SCIBERRAS**, li xehed in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici Gasan Mamo qal li hemm insurance mill-1 ta' Dicembru, 2006 sat-30 ta' Gunju, 2007. Din pero' tkopri lid-driver Omar Camilleri u teskludi lill-assikurat Oliver Camilleri. Il-vettura kienet assikurata. Hu ma jafx jekk l-assikurazzjoni haditx xi azzjoni legali biex tezimi ruha mir-responsabbilta' taht il-polza. Fuq ordni tal-Qorti huwa esebixxa estratt mil-polza relattiva li turi bhala insured lill-appellant Oliver Camilleri, pero' bhala driver turi biss lil Omar Camilleri u tghid espressament *"excluding the insured from driving."*

Quddiem l-Ewwel Qorti kien gie esebit mid-difiza Certificate of Insurance ta' Gasan Mamo Insurance li juri li l-mutur Yamaha FBS 849 kien asskurat ma dik id-ditta ghall-periodu mill-1 ta' Dicembru, 2006 sat-30 ta' Gunju, 2007. Ir-ricevuta turi li l-premium thallas fl-1 ta' Dicembru, 2006. (Fol. 7)

Ikkonsidrat;

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni li l-appellant ma kienx kopert b' licenzja tas-sewqan biex isuq il-mutur in kwistjoni. Il-kontestazzjoni hi dwar it-tieni imputazzjoni. F' dan il-kaz irrizulta li l-appellant kien akkwista dan il-mutur minnghand certu Zahra fis-7 ta' Dicembru, 2006 pero' fl-1 ta' Dicembru, 2006, kien assikura l-mutur mad-ditta Gasan Mamo Insurance. Jirrizulta pero' li ghalkemm il-mutur kien l-assikurat, il-polza kienet tindika li ma setax isuqu l-appellant imma ried isuqu certu Omar Camilleri. Probabbilment dan sar ghax l-appellant kien jaf li ma kellux licenzja biex isuq muturi.

Ibda biex l-esebizzoni tac-Certificate of Insurance mid-difiza seta' serva biex jizvija lill-gudikant ghax dan ma jkollux fih il-kondizzjonijiet u eccezzjonijiet kollha li jkun hemm fil-polza tal-assikurazzjoni. Di fatti, ghalkemm hu minnu li l-appellant hu l-persuna assikurata, l-polza tghid car u tond li hu ma setax isuq il-mutur u seta' jsuqu biss Omar Camilleri., kif irrizulta mid-dokument esebit mix-xhud Sciberras. Dan suppost li l-appellant kien jaf bih meta hareg il-polza u jekk ma kienx jaf , dan kien bil-fors ghax ma hax il-briga li jaqra sew il-kondizzjonijiet tal-polza w ghalhekk ma jistax jivvanta xi buona fede.

Il-pozizzjoni legali dwar kazijiet bhal dawn giet elaborata f' diversi sentenzi recenti ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Plamen Petkov"** [2.11.2006]:-

"…. gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef"** [18.9.2002] meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza **"Il-Pulizija vs. Carlo Abela"** [15.07.96] fejn din il-Qorti irriteniet li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali , ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh. Jekk umbaghad id-driver ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq, jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak id-driver. Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f' kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert. F'kull kaz, anki kieku il-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, ikunx licenzjat jew le, ikun ukoll kopert b'polza kontra r-

riskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b‘ polza partikolari.

“Illi l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi li :-

“Hadd ma jista’ juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura MINNU (emfasi ta’ din il-Qorti) ...... ma tkunx tezisti polza ta’ sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni....”

“Illi it-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja u cioe’ Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-

*“a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle BY THAT PERSON (emfasi tal-Qorti) such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act...”*

“Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-**ARCHBOLD** [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell, p.2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza :-

*“The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time:* ***Philcox vs. Carberry*** *{1960} Crim. L.R. 563 , D.C.”*

“Illi saret f’ dik is-sentenza riferenza ukoll ghall **Criminal Law Review**, 1960 li b’ riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-

*“It is an established rule of evidence that where the truth of the party’s allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent , the burden of disproving it lies upon the latter.” {Halsbury’s Laws of England , 3rd.*

*ed. Vol.15 ,270} In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J., obiter, in "**Williams v. Russell**" (1933) 149 L.T. 190 , that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance , the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case ."*

"Umbaghad **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1992) [Blackstone Press Limited , p.1788] jghid:-

*"In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured. (**Williams v. Russell** [1933] 149 LT 190 ; **Philcox v. Carberry** [1960] Crim. L.R. 563)."*

Illi umbaghad jekk qatt seta' jkun hemm xi dubju dwar dan il-principju, dan gie eliminat fil-ligi taghna bl-emenda recenti introdotta bl-artikolu gdid 3 (1A) tal-Kap. 104 li jghid testwalment li :-

"*jkun prezunt li ma kienx hemm polza ta' l-assigurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu , kemm il-darba min jigi akkuzat b' reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza."*

Ikkonsidrat;

Issa f' dan il-kaz l-appellant ghamel prova li l-mutur kien assikurat fil-5 ta' Dicembru, 2006 , pero' rrizulta xorta wahda li hu ma kienx awtorizzat biex isuq il-mutur hu.

L-appellant qed jinvoka s-sentenza ta' din il-Qorti : **"Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi"** [3.11.2005], fejn il-fattispecji kienu li Scuderi, fiz-zmien imsemmi fl-akkuza, ma kellux licenzja tas-sewqan pero' kien irrizulta li l-vettura minibus li kien qed isuq kienet koperta b' polza ta' assikurazzjoni.

F’ dik il-kawza l-appellant kien silet b’success argument mill-artikolu 10(1) tal-Kap.104 li jghid testwalment hekk ;-

*“Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta’ sigurta’ taht is-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta’ li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta’ koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f’ dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista’ jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, ihallas lil-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta’ flus li ghandha tithallas bis-sahha ta’ dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta’ fuq imsemmija ….”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta’ eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta’ hlas.

Illi din il-Qorti kienet allura ddecidiet li minn din id-dicitura ta’ dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta’ assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta’ ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa’ l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-risjki ta’ terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.

Ikkonsidrat;

Illi fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Charles Galea"** [7.5.2007.] din il-Qorti spjegat hekk kif jistghu jigi moqrija

flimkien u rikonciljati l-artikolu 10 (1)(2) u (3) u l-artikolu 3 (1A) tal-Kap.104:-

*"Kif gja gie ritenut fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. Stefan Apap**" [26.4.2007], ….. fejn ikun jidher prima facie ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar it-Trasport li l-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiv prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, kif inhu l-kaz prezenti u kif kien dak ta'* **Scuderi,** *jibqa' dejjem jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti."*

*"Invece fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-karozza ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta fl-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-art. 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata."*

*"Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita' Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap.104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn jkun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni li ma hemmx polza kontenuta fl-art.3 (1A).*

*"Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi."*

Ikkonsidrat ;

Issa fl-istat tal-provi f' din il-kawza kif inhu, rrizulta mix-xiehda ta’ Brian Farrugia li l-appellant ma kellux il-licenzja tas-sewqan biex isuq il-mutur involut. Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll prova, da parti tad-ditta assikuratrici, li ghalkemm kien hemm assikurazzjoni fuq il-mutur, kien hemm xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi li jezentaw lill-assikuratur milli jhallas, f' dan il-kaz ghax fil-polza tal-assikurazzjoni li hija l-aqwa prova (ghad-distinzjoni mic-Certificate of Insurance) l-assikurat ma kienx kopert bhala driver, anzi kien <u>espressament eskluz.</u>

Ghalhekk f' dan il-kaz - ghad-distinzjoni tal-kaz ta' **Scuderi** - gie pruvat li tezisti xi wahda mill-eccezzjonijiet ghal din l-obbligazzjoni, u ghalhekk it-tieni imputazzjoni tirrizulta pruvata sodisfacentement. Ghalhekk l-aggravji dwar il-mertu qed jigu respinti.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena w specifikatament dwar il-periodu ta' sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant, jintqal li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.). F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.

Di fatti r-reat imsemmi fit-tieni imputazzjoni w cioe' dak ta' sewqan ta' vettura bla ma kien kopert b' polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi , skond l-artikolu 3 (1) (2) tal-Kap.104, kif emendati bl-Att XXX tas-sena 2002, igib mieghu fil-kaz tal-ewwel reat , kundanna ghall-multa ta’ mhux inqas minn LM1000 u mhux izjed minn LM2000 jew prigunerija ta’ mhux aktar minn tlitt xhur, jew il-multa w prigunerija flimkien; fil-kaz tat-tieni kundanna, multa ta’ mhux inqas minn LM2000 u mhux izjed minn LM2500 jew dik ta’ prigunerija ta’ mhux aktar minn sitt xhur, jew it-tnejn f’ daqqa; u fil-kaz tat-tielet kundanna jew aktar, multa ta’ mhux inqas minn LM2500 u mhux aktar minn LM3000 jew

dik tal-prigunerija sa mhux aktar minn sena jew it-tnejn f' daqqa, kif ukoll il-konfiska tal-vettura w skwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar mid-data li jkun gie misjub hati, hlief jekk il-Qorti **ghal ragunijiet specjali** tikkunsidra li tordna mod iehor. (emfasi ta' din il-Qorti).

Ghalhekk ma hemmx dubju li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija entro dik li tippermetti l-ligi,

L-appellant pero' qed jitlob li jkun hemm riduzzjoni fil-piena tas-sospensjoni tal-licenzji tieghu tas-sewqan press li hu impjegat bhala membru tal-forzi armati w ghax martu ser ikollha tarbija. Apparti li ma saret ebda prova ta' dan, kif gie ritenut minn din il-Qorti f' diversi sentenzi minn ix-xoghol tieghu jiddependi mis-sewqan ta' vetturi, irid joqghod aktar attent u vigilanti li ma jiksirx il-ligijiet tat-traffiku jew ta' kopertura b' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi. Dan ghaliex inkella proprju dawk in-nies li jkunu jsuqu aktar minn haddiehor, minnflok ma joqghodu aktar attenti fis-sewqan taghhom, ikollhom xi speci ta' immunita' mill-ligijiet tal-pajjiz li jirregolaw it-traffiku jekk semplicement biex ma jitilfux l-impieg jew ix-xoghol taghhom jew biex ma jsofrux inkonvenjent meta jkunu sejrin ghax-xoghol, jinghataw xi immunita' jew trattament aktar legger mill-Qrati meta jinstabu hatja ta' ksur tal-ligijiet tal-pajjiz in materja. Dan ikun kontrosens.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Manwel Falzon"** [2.11.2006]:-

"….zgur li mhux attenwanti l-fatt li l-appellant ghandu l-ghixien tieghu jiddependi mis-sewqan…. Anki kieku dan kellu jigi pruvat – li ma kienx - kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs.Paul Azzopardi”** [4.8.2006] il-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghixien tieghu *“ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunita’ mill-kastig meta jinqabad isuq hazin”.*

F' dan il-kaz ma jidhirx li jirrikorru xi *"special reasons*" ghaliex l-appellant ghandu jigi trattat b' kod aktar miti milli tispecifika l-istess ligi. Lanqas ma jidher li kien hemm xi emergenza jew kaz ta' bzonn li seta' jinnecessita s-sewqan tal-mutur bla ma l-appellant kien kopert b'polza tas-sigurta' kontra r-riskji ta' terzi persuni.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha, b’ dana li l-periodu tal-iskwalifika mill-licenzji tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar, jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------